**IT-TIENI SEZZJONI — AWLA KUMMERĊJALI**

**21 ta' April, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Mifsud

*versus*

Edward Spiteri

**Kompetenza — Att tal-Kummerċ — Kummerċjant — Art. 7 tal-Kap. 17.**

*Kull att ta' kummerċjant jitqies li hu kummerċjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ;*

*Il-kelma "att" għandha tittieħed bħala li tfisser in-negozju ġuridiku in kwistjoni.*

*Jekk dan in-negozju ġuridiku ma jkollux ebda konnessjoni mal-kummerċ ta' dak li jkun, l-istess negozju jaqa' fil-kompetenza ċivili, avvolja min għamlu huwa kummerċjant.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut taħ l-appalt tax-xogħol ta' tibjid u xogħol ieħor, skond dokument anness mal-att taċ-ċitazzjoni u markat Dok. "A", rigward ta' fond bini ġdid ġo St. Luke Street, Gwardamanġa; u li l-konvenut ma ħallieħx ikompli x-xogħol, meta dan kien ġa avanzat, u ppretenda li jħallas ta' li kien sar bil-perit, kif kien jaqbel lilu, waqt li l-attur ried jitħallas kif miftiehem, billi jkompli x-xogħol u jlestieh; u li bil-waqfien tal-appalt l-attur sofra danni; talab li l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti bħala danni konsegwenza tal-aġir illegali tiegħu. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' ittra legali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Diċembru 1960, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-inkompetenza sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Il-konvenut hu kummerċjant;

Billi kull att li jagħmel kummerċjant wisq probabbilment jirrikollega ruħu u jirriferixxi għall-kummerċ, fuq din il-probabbilità l-liġi kkostitwiet preżunzjoni fis-sens li kull att tan-negozjant għandu jiġi reputat kummerċjali. "Kull att ta' kummerċjant", tgħid il-liġi fl-art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, "jitqies li hu att kummerċjali". Iżda, peress li din il-preżunzjoni hi bażata fuq il-kwalità personali tal-aġent, jiġifieri li hu kummerċjant, il-liġi tkompli tgħid:— "Meta mill-att stess ma jkunx jidher li hu (l-att) ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ". U dan wisq naturalment; għaliex jista' jagħti l-każ, u fil-fatt każijiet jagħtu, li l-kummerċjant jagħmel attijiet assolutament indipendenti mill-kummerċ, u li kwindi għandhom jaqgħu taħt id-dritt komuni;

In rigward tal-kontenut tal-preżunzjoni, wieħed ma għandux jiddistingwi jekk l-att ikun jirriferixxi għal dak ir-ram partikulari ta' kummerċ ta' dak li jkun għamlu jew għall-kummerċ in ġenerali; u l-preżunzjoni testendi ruħha għal kull att li kummerċjant jagħmel anki ma' min mhux kummerċjant, u wkoll għal kwalunkwe obligazzjoni, u mhux għal dawk biss li l-kummerċjant jassumi;

Però, kif ġa ġie rilevat, il-preżunzjoni mhix "juris et de jure". Tista' ssir il-prova kuntrarja. Iżda, għalkemm il-preżunzjoni mhix "juris et de jure", lanqas ma hi assolutament sempliċi jew "juris tantum"; il-għaliex il-liġi, fil-waqt li tammetti l-prova kuntrarja, tgħid kif għandha ssir l-istess prova, jiġifieri tgħid li trid issir b'ċerti determinati mezzi minnha speċifikatament ammessi. "Meta mill-att stess," tgħid il-liġi, "ma jkunx jidher li hu ma għandux x'jaqsam mal-Kummerċ";

Meta, però, l-att ikun jeżisti bil-miktub, il-prova li ma hux kummrċjali tista' tiġi rikavata biss mill-istess miktub; imma meta l-att ma jkunx jirriżulta mill-miktub, allura l-prova li hu mhux kummerċjali tista' tiġi deżunta miċ-ċirkustanzi li jakkompanjawh; u din tista' ssir bil-mezzi kollha permessi mil-liġi;

L-appalt fuq imsemmi, li l-attur jallega li hu ħa minn għand il-konvenut għax-xogħol imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni jirriżulta mill-miktub (dok. fil-fol. 7); u f'dak il-kirografu jingħad li x-xogħol kellu jsir fil-"Villa tas-Sur Spiteri"; u dan hu biżżejjed biex mill-istess miktub wieħed jirrikava li l-att tal-konvenut ma kellux x'jaqsam mal-kummerċ. Imma anki jekk wieħed ikun irid jiffitta u ma jarax ċari biżżejjed dawk il-kliem, allura hemm id-depożizzjoni tal-konvenut, li minnha jirriżulta li dik il-villa hija d-dar tal-abitazzjoni tiegħu; u ma jistgħax jingħad li l-prova testimonjali mhix, skond ir-regoli ġenerali, ammessa, "jekk l-iskritt" — iżda mingħajr raġuni tajba, fil-każ preżenti, skond il-fehma tal-Qorti — "jiġi ritenut oskur";

Għalhekk l-att ma hux ta' natura kummerċjali;

Rat ir-rikors tal-attur, li bih talab li din il-Qorti tiddikjara definitivament liema Qorti hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kif jingħad fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, l-art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jgħid illi "kull att ta' kummerċjant jitqies li hu kummerċjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li hu ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ";

Il-kelma "att." skond il-kommentaturi tal-liġijiet li fuqhom ġiet mudellata l-liġi tagħna, tfisser in-negozju ġuridiku in kwistjoni: "quod actum est". "Se il negozio guiridico risulta da una scrittura, il documento metterà in luce l'indole civile dei rapporti; ma potrà essere integrato, chiarito, e, se simulato, ristabilito nella sua realtà, a mezzo di

altre prove . . . . Se manca il documento scritto, o tace, od è ambiguo, si ricostruiranno con queste prove le circostanze, concomitanti all'atto, che ne determinino il carattere civile" (Leone Bolaffio, Il Codice di Commercio Commentato, Vol. I, § 98, p. 468). Tidher li hi dottrina prevalenti illi d-dokumenti u ċ-ċirkustanzi għandu jkollhom l-iskop li jaċċertaw illi, fil-mument li fih ir-rapport ġuridiku jitwieled, il-partijiet kienu jafu, jew messhom kienu jafu, illi hu kien ċivili. "La conoscenza effettiva o presunta delle parti, coeva al sorgere dell'obbligazione, che questa era civile, è l'obiettivo della prova diretta a distruggere la presunzione di commercialità connessa agli atti compiuti da un commerciante, i quali non sieno nè essenzialmente commerciali nè essenzialmente civili" (loc. ċit. Ara wkoll Cesare Vivante, Trattato di Diritto Commerciale, Vol. I, § 92);

Fil-każ preżenti, in-negozju kien appalt ta' xogħol li kellu jsir "fil-villa tal-konvenut". Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan waħdu ma jurix neċessarjament illi l-att tal-konvenut ma kellux x'jaqsam mal-kummerċ; għax hu magħruf illi l-lum qegħdin jinbnew numru kbir ta' "villel" għan-negozju, per eżempju biex jinkrew "furnished". Il-"villa" in kwistjoni kienet għadha fil-kors ta' kostruzzjoni, u kienet għadha mhix abitata mill-konvenut. Iżda issa hemm id-depożizzjoni tal-konvenut quddiem din il-Qorti, li ma ġietx kontraddetta. Dan xehed illi, meta hu ta' dan l-appalt lill-attur, hu qallu li l-"villa" kien ser jibniha biex joqgħod fiha hu. Oltre dan, il-konvenut qal ukoll illi x-xogħol li fiha ma jindikax illi hi għan-negozju, għax magħmula pjuttost b'ċertu lussu;

Għalhekk minn dak li ġara, "quod actum est", anki l-attur kien jaf, jew seta' u messu jkun jaf, illi l-att ma kienx konness man-negozju;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u tiddikjara illi l-Qorti kompetenti hi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha; u tordna illi l-atti jiġu mibgħuta lil dik il-Qorti;

L-ispejjeż tal-inċident iħallashom l-attur.